



BAĠIT TAL-UE GĦALL-FUTUR

#EUBudget #EURoad2Sibiu #FutureofEurope



2 ta' Mejju 2018

INVESTIMENTI






... GĦALIEX DIN HIJA PRIJORITÀ?

Il-prosperità futura tal-Ewropa tiddependi fuq id-deċiżjonijiet ta' investiment li qed nieħdu llum. Il-baġit tal-UE minn dejjem kien sors vitali ta' investiment madwar l-Ewropa. Żieda fl-investimenti f'oqsma bħar-riċerka, l-infrastruttura strateġika, it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija u s-Suq Uniku se tgħin fit-tkabbir futur u biex jiġu indirizzati sfidi komuni bħalma huma d-dekarbonizzazzjoni u t-tibdil demografiku.


L-għanijiet fit-tul tal-UE rigward is-sostenibbiltà, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv jeħtieġu investimenti sinifikanti f'mudelli ġodda ta' mobbiltà, l-enerġiji rinnovabbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-infrastruttura soċjali, l-ekonomija ċirkolari, l-azzjoni klimatika u l-aktar importanti fil-ħolqien u t-tkabbir tal-intrapriżi ż-żgħar.

DAN XI JFISSER F'TERMINI FINANZJARJI?

B'kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE li tammonta għal **EUR 15.2 biljun**, InvestEU hu mistenni li jimmobilizza aktar minn **EUR 650 biljun** ta' investiment addizzjonali madwar l-Ewropa.

- Programm Ewropa Diġitali u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Diġitali 
- Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) 
- Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 
- Tieqa tal-Innovazzjoni tal-Fond InvestEU 
- Orizzont Ewropa 

Investiment fil-ġejjieni



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Nota: Meta mqabbel mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 fl-UE-27 (stima)



X'HEMM ĠDID FIL-PROPOSTI TAL-KUMMISSJONI?

- Filwaqt li tibni fuq is-suċċess tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (il-Pjan Juncker) u strumenti finanzjarji oħra, biex jikkatalizzaw investimenti privati fl-Ewropa kollha, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi proċess ġdid, kompletament integrat tal-fondi tal-investiment, **InvestEU**. InvestEU se jankra l-istrumenti finanzjarji kollha ġestiti ċentralment, fl-UE fi proċess waħdieni, bi struttura aktar sempliċi. Dan l-approċċ ġdid se jevita l-irduppar, jissimplifika l-aċċess għall-finanzjament u jnaqqas il-piż amministrattiv. Barra minn hekk, il-Fond InvestEU se jipprovdi servizzi ta' konsulenza u miżuri ta' akkumpanjament biex jappoġġaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta' proġetti.


B'kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE li tammonta għal EUR 15.2 biljun, **InvestEU** se jimmobilizza aktar minn EUR 650 biljun ta' investiment addizzjonali madwar l-Ewropa.

- Ewropa Diġitali**, b'baġit totali ta' **EUR 9.2 biljun** huwa programm ġdid iddedikat għat-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi u n-negozji. Huwa jagħti spinta lill-investimenti f'superkompjuters, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà u ħiliet diġitali avvanzati. Il-fokus ta' dan il-programm ġdid huwa li jiżiedu l-kapaċitajiet diġitali, b'mod partikolari ta' SMEs ta' intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u b'hekk tiżdied il-kompetittività internazzjonali tal-Ewropa.

Turija tas-suċċess tal-"Pjan Juncker" bl-użu tal-baġit tal-UE biex jiġi mobilizzat l-investiment privat


Investiment FEIS skont is-settur (*)

- Kumpaniji iżgħar **28 %**
- Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni **22 %**
- Enerġija **22 %**
- Diġitali **12 %**
- Trasport **8 %**
- Infrastruttura soċjali **4 %**
- Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi **4 %**



Mira sal-2020: **EUR 500 biljun**

Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi relattiv għall-Prodott Domestiku Gross




B'LIEMA MOD IEĦOR IL-BAĠIT FUTUR TAL-UE SE JAGĦMEL DIFFERENZA F'DAN IL-QASAM?


- B'baġit totali ta' EUR 273 biljun, il-**Politika ta' Koeżjoni** se tkompli tappoġġa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (żvilupp bilanċjat) tal-Unjoni Ewropea biex tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, it- tkabbir sostenibbli u l-innovazzjoni.
- Il-**Fond Soċjali Ewropew+ b'EUR 101 biljun** huwa l-istrument prinċipali tal-UE għall-investiment fin-nies. Dan jgħin lill-persuni jakkwistaw impjiegi aħjar permezz ta' titjib tal-ħiliet u jiżgura opportunitajiet ta' xogħol aktar ġusti għaċ-ċittadini kollha tal-UE u jtejjeb l-inklużjoni soċjali.
- B'**EUR 16-il biljun**, il-**Programm Spazjali** jinvesti fl-iskjerament u l-isfruttament tal-infrastruttura spazjali Ewropea u s-servizzi relatati li saru indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, meta nużaw it-telefown ċellulari, jew waqt is-sewqan jew meta nfttxu postijiet b'sistema ta' navigazzjoni, meta naqdbu ajruplan jew nivjaġġaw bil-baħar. L-UE trid iżżomm it-tmxexija industrijali tagħha u tibqa' attur dinji fis-settur spazjali.


- Filwaqt li tibni fuq is-suċċess ta' Orizzont 2020, il-programm ta' riċerka Ewropew **Orizzont Ewropa**, b'baġit totali ta' **EUR 97.6 biljun**, se jkompli jippromwovi l-eċċellenza fir-riċerka u jsaħħaħ l-enfasi fuq l-innovazzjoni sabiex l-UE tkun tista' tikkompeti ma' ekonomiji żviluppata u emerġenti. **Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni** ġdid se jipprovdi punt ta' waqfa wieħed għal teknoloġiji b'potenzjal għoli u għal kumpaniji innovattivi bil-potenzjal li jspandu, li jimmira li jagħmel l-Ewropa minn ta' quddiem nett biex toħloq l-innovazzjoni.
- B'baġit totali ta' **EUR 42.2 biljun**, il-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa** tappoġġa l-investment f'infrastrutturi transfruntiera fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u dawk diġitali u tgħaqqad l-UE u r-reġjuni tagħha. Dan ikompli jsaħħaħ ulterjorment l-oġettivi ta' politika ta' dekarbonizzazzjoni u diġitizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea. Min-għajr l-intervent tal-UE, operatori privati u awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx inċentiv biżżejjed biex jinvestu fi proġetti infrastrutturali transfruntiera.


EŻEMPJI:


Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-UE fl-2016:

 **23.8 miljun** negozju fl-UE

 li jammontaw għal **67 %** tat-total tal-impjegi fis-settur privat

 li jħaddmu **93 miljun ruħ**

 Madwar **85 %** tal-impjegi l-ġodda huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

 **Ostakli attwali għal tali kumpaniji:** il-ksib ta' dejn jew ekwità biex jikbru

InvestEU: indirizzar tal-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

Kif InvestEU jindirizza l-problema?

InvestEU jipprovdi appoġġ għal negozji li għalihom l-aċċess għall-finanzjament huwa problema — negozji ġodda, kumpaniji iżgħar bħala żmien u daqs, kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li ma għandhomx biżżejjed kollateral biex jirrealizzaw proġetti ta' investment immirati lejn it-tkabbir tal-kumpanija, u kumpaniji innovattivi ħafna.

IL-PASSI LI JMISS

